MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1829/2004

**Citadel Insurance p.l.c. (C113), kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Azzopardi (ID No. 376053 M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Vincent Azzopardi**

**Vs**

**Naser El Abdullel**

**Talba Nru: 1829/04 PM**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm258.35 c (mitejn u tmienja u hamsin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu) rappresentanti bilanc ta’ danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-16 ta’ Mejju, 2003 bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni

IAF 901 misjuqa minn Vincent Azzopardi u proprjeta' tal-istess, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAP 837 misjuqa mill-konvenut liema incident gara b' tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2004 ipprezentata kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-istess konvenut.

Ra li l-konvenut baqa ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr. Stephen Muscat jikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------